**Insellimlek għażiż Salvu**

Insellimlek ħabib tiegħi
Naf li fis-sema issa int,
l-eżempju sabiħ ta' ħajtek
Jgħallimni kemm int iċċekkint.

It-tbissima ħelwa tiegħek
Imsaħħa minn fidi kbira,
Tgħidli li min l'Alla jfittex
Ħajtu bih għandha tifsira.

Aktar ma nisma' fuq ħajtek
Fija jikber l-apprezzament,
Int seħħlek b'tant għaqal tfarraġ
Lil min ġie għandek f'kull mument.

Kemm dawwalt smewwiet pajjiżna
B'nar mill-ifjen w ikkulurit,
Bħalma kien għemilek twajjeb
Duwa għal min kien fit-tiġrib.

Kif wasalt ħieni fis-sena
Laqgħuk 'l-qaddisin padruni,
Il-Mulej libsek il-glorja
Il-ġenna mtliet bil-fustuni.

Issokta ħu ħsieb mis-sema
Lill-għeżież tiegħek li int ħabbejt,
Jalla diċ-ċelebrazzjoni
Biha ħafna qlub int missejt.

Itlob quddiem 't-Tron tal-Ħniena
'L Dak li jistħoqqlu kull unur:
Thenna Salv fis-sebħ tal-ġenna:
Għajjatlu: "Viva s-Salvatur!"

Patri Mario Attard OFM Cap
7 ta' Ġunju 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.